# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021**

**Numru 19**

**Rikors Numru 1003/18 TA**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Ruben Bartolo**
**(K.I. Nru: 225973M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi tal-15 ta' Ottubru 2018;

Rat ir-risposta ta' Ruben Bartolo tal-11 ta' Frar 2019;

Rat li tul dawn il-proċeduri, il-partijiet irreferew lejn l-Awtoritajiet tat-Taxxa tar-Renju Unit biex jiġi evitat li jittieħed titolu esekuttiv fuq sommom li talvolta setgħu ma kienux fis-sewwa dovuti lill-Awtoritajiet fiskali tar-Renju Unit;

Rat in-nota ta' riduzzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li biha rriduċa l-ammont li qed jitlob li għandu jkun rez eżegwibbli abbażi tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali numru 153 tal-2012, għal wieħed u għoxrin elf, tliet mija, sitta u sittin Euro sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,366.76);

Rat ukoll id-dokumenti u provi kollha mressqa;

Rat li l-ammont in kwistjoni jikkonsisti f'penali u li għadu qiegħed ikun ikkontestat quddiem l-Awtoritajiet tar-Renju Unit.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda biex tfakkar li l-ordni taħt ir-regolament fuq imsemmi ma hux wieħed sindakabbli minn dawn il-Qrati. Tant biex ikun mifhum tajjeb, il-posizzjoni legali hi li kwalunkwe kalkoli, stimi u assesments fiskali għandhom isiru f'dak il-pajjiż minn fejn ikunu ħarġu. B'dawn ir-regolamenti, l-Awtoritajiet lokali jkunu biss qegħdin iservu ta' lunga manu amministrttiva li twassala għall-ġabra ta' taxxi li jkunu nibtu fil-pajjiż tal-oriġini. Di fatti din il-Qorti lanqas hija marbuta li tappunta dawn ir-rikorsi għas-smiegħ. B'dan kollu hija prassi ta' din il-Qorti li hekk tappuntahom minn ottika merament prattika għaliex mhux l-ewwel darba li jkun hemm żbalji li jkunu saru mill-Awtoritajiet tal-pajjiż kommunitarju li jkunu qegħdin jitolbu l-eżekuzzjoni tal-kreditu daqs li kieku tali esekuzzjoni tkun qed issir f'dak l-istess pajjiż komunitarju.

Il-Qorti għalhekk ser tilqa' t-talbiet tar-rikorrent fis-somma fuq indikata u tirrakomanda li qabel ma ssir l-esekuzzjoni tagħti żmien li jkun raġjonevoli bl-iskop li jkunu deċiżi l-kontestazzjonijiet li qegħdin isiru quddiem l-Awtoritajiet tar-Renju Unit.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha tilqa' t-talbiet kif mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi u dan senjatament għall-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, tliet mija, sitta u sittin Euro sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,366.76).

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**